**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2016

Talba Numru: 110/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 10

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Skyparks Business Centre,**

**Malta International Airport**

**Luqa**

**Vs**

**Raymond Cassar (K.I.660160M)**

**48, Misty Blue,**

**Triq l-Imsagar,**

**Attard**

**It-Tribunal**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-28 ta' Marzu, 2016 illi permezz tiegħu is-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin ewro u tmienja u tletin centezmu (€633.38c) liema ammont huwa in

konnessjoni ma' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi tat-tariffa 'Voda Ren Con World' referribli ghal kont bin-numru 1.10994795 .

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda permezz ta' l-affidavit ta' Dr Jeremy Debono in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenut fl-intier tieghu u d-dokumenti esebiti mal-avviz tat-talba.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin ewro u tmienja u tletin centezmu (€633.38c) bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribli mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**